***KUNTRATTI TA' IMPJIEG GHALL-ZMIEN DEFINIT***

***ART 34 (12) – KAP 135***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 t'April 2001**

**Kawza Numru: 9**
**Citazzjoni Numru: 674/99/RCP**

**People Enterprises Limited**

**vs**

**Nadine Spiteri**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tliet elef, mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,195.50) rapprezentanti dik is-somma illi l-partijiet ftiehmu li l-konvenuta kellha thallas lis-socjeta' attrici peress illi hija kienet halliet l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici qabel iz-zmien stipulat fil-kuntratt ta' impjieg definit illi kien jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali u ta' xoghol bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta, u dan kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat bhala Dok. ‘A’;

Illi in effetti I-konvenuta anke harget ‘*cheque'* a favur tas-socjeta' attrici ghall-imsemmija somma ta’ tliet elef, mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,195.50) (li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. 'B'), liema ‘*cheque*’ pero` ma setax jissarraf;

Illi dan id-dejn illi l-konvenuta ghandha mas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenuta minkejja li giet mitluba thallas baqghet inadempjenti;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti *ai termini* tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili sabiex din l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh u skond procedura specjali sommarja;

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tiddikjara illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tliet elef, mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,195.50) rapprezentanti dik is-somma illi l-partijiet ftiehmu li l-konvenuta kellha thallas lis-socjeta' attrici peress illi hija kienet halliet l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici qabel iz-zmien stipulat fil-kuntratt ta' impjieg definit illi kien jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali u ta' xoghol bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta;

(3) Tikkundanna lill-konvenuta biex thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' tliet elef, mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,195.50).

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti mal-istess citazzjoni attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 t'April 1999 fejn Dr Cilia, ghas-socjeta` attrici rrileva fl-ewwel lok illi c-citazzjoni attrici hija bbazata fuq cekk mahruq mill-konvenuta stess li hadd

ma geghla, liema cekk ma setax jissarraf u li f'kull kaz il-klawsola relattiva fil-kuntratt tal-impjieg hija regolari skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Preliminarjament illi hija s-socjet` attrici li trid tipprova li qatt kienet tezisti l-kondizzjoni allegata fil-ftehim premess mic-citazzjoni odjerna;

2. Illi fi kwalunkwe kaz tali kondizzjoni hija illegali u konsegwentement nulla tenut kont tal-kondizzjonijiet minimi ta' impjieg u tal-provedimenti tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta kif jigi pruvat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li l-attrici ftehmet mas-socjeta` attrici li kellha thallas l-ammont illum pretiz mill-istess socjeta` attrici;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 15 *et sequitur* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Gunju 1999 fejn Dr Cilia pprezenta nota b'zewg dokumenti.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li permezz taghha esebiet zewg affidavits wiehed ta' Charles Demicoli u iehor ta' Louise Tonna.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 t'Ottubru 1999 fejn Dr Cilia ddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat in-noti tal-konvenuta li permezz taghha qed tipprezenta l-affidavit taghha; kif ukoll in-nota l-ohra li permezz taghha esebiet diversi dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Frar 2000 fejn il-kawza baqghet differita ghat-22 ta' Mejju 2000 biex il-Qorti tiffissa appuntament ghas-smiegh tal-provi *viva voce*, tal-konvenuta u ghan-notifika tal-affidavit tal-konvenuta; tat-22 ta' Mejju 2000; tal-10 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenuta ghas-17 ta' Jannar 2001; tas-17 ta' Jannar 2001 fejn id-difensuri tal-konvenuta u l-konvenuta msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Cilia talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-26 t'April 2001. Aktar tard deher Dr A Mifsud Bonnici ghall-konvenuta li ha konjizzjoni tal-verbal.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi s-socjeta` attrici qed tallega li l-konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont imsemmi fic-citazzjoni attrici rapprezentanti dik is-somma illi l-partijiet ftiehmu li l-konvenuta kellha thallas lis-socjeta` attrici peress illi hija kienet halliet l-impjieg taghha ma' l-istess socjeta` qabel iz-zmien stipulat fil-kuntratt ta' impjieg definit illi kien jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali u ta' xoghol bejn l-istess. Illi l-konvenuta harget cekk a favur tas-socjeta` attrici liema cekk ma setax jissarraf.

Illi min-naha taghha l-konvenuta eccepiet preliminarjament illi hija s-socjeta` attrici li trid tipprova li qatt kienet tezisti l-kundizzjoni allegata fil-ftehim. Inoltre` qed issostni li tali kundizzjoni hija llegali u konsegwentement nulla tenut kont tal-kondizzjonijiet minimi ta' mpjieg u tal-provediment tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ahharnett, li mhux minnu li l-konvenuta ftehmet mas-socjeta` attrici li kellha thallas l-ammont pretiz.

Illi fl-ewwel lok **Louise Tonna** xehdet fl-affidavit illi hi kienet tahdem mas-socjeta` attrici bhala *accounts clerk*, u li kienet taf lill-konvenuta. Ix-xhud qalet li l-konvenuta qaltilha li kellha l-hsieb li titlaq mix-xoghol biex tiftah kumpanija ghal rasha. F'dak iz-zmien ix-xhud kienet gibditilha l-attenzjoni ghall-fatt li l-konvenuta kellha l-kuntratt u li jekk titlaq qabel kellha thallas somma ta' flus. Dejjem skond ix-xhud il-konvenuta qaltilha li kienet lesta li thallashom. Hi ftakret li

l-konvenuta kienet ghamlet xi zmien ma tidholx ghax-xoghol; u, li darba meta x-xhud kienet id-dar bis-*sick leave* George Papagiorcopoulo cemplilha biex javzaha li l-konvenuta kienet se titlaq mix-xoghol u li kellu jiltaqa' maghha wara nofsinhar biex thallsu s-somma dovuta. Hi kellmet lil Dr Georg Sapiano li spjegalha kif kellha tinhadem is-somma li kellha thallas. Hi kienet hadmet il-*workings* u halliethom fuq il-mejda ta' George Papagiorcopoulo. Eventwalment kienu ghaddewlha cekk mahrug mill-konvenuta a favur tas-socjeta` attrici u datat il-25 ta' Settembru 1998. Hi marret tiddeposita dan ic-cekk u wara tlett ijiem dan gie lura bir-rimarka *irregularly drawn*. Hija nfurmat lil Charles Demicoli u ftit jiem wara ghaddewlha cekk iehor mahrug mill-konvenuta b'ammont differenti. Dan kien datat 8 ta' Ottubru 1998. Hi marret tiddepozita dan ic-cekk izda dan mar lura ftit wara *referred to drawer* u fuq struzzjonijiet li kellha ftit wara regghu ppruvaw jiddepozitaw dan ic-cekk izda rega' mar lura *referred to drawer*.

Xehed ukoll **Charles Demicoli** li hu direttur u azzjonista tas-socjeta` attrici. Hu qal illi l-konvenuta kienet impjegata mas-socjeta` attrici bhala *salesperson* fuq kuntratt ta' impjieg definit ghall-tlett snin. Hi kienet tinghata tahrig kontinwu minn Roy Russell, *sales manager* peress li ma kellhiex esperjenza. Wara ftit taz-zmien sar jaf li l-konvenuta riedet titlaq u hu pprova jikkonvinciha biex tibqa' filwaqt li fakkarha li jekk titlaq kien ikollha thallas somma flus. Wara ftit granet ma marritx aktar xoghol; u, meta

rega’ ltaqa maghha hija qaltlu li kienet tipreferi thallas u titlaq. Spjega u kkonferma dak li qalet Louise Tonna dwar ic-cekks li ma ssarfux; u huwa qal li kellem lill-konvenuta diversi drabi bit-telephone biex jikkonvinciha thallas u ghalkemm hi weghditu li kienet se taghmel dan pero` l-hlas baqa’ ma sarx.

**Il-konvenuta Nadine Spiteri** fl-affidavit taghha spjegat li hi bdiet tahdem mas-socjeta` attrici bhala *sales representative*. Hi ltaqghet l-ewwel ma Roy Russell li la semmielha li jekk jiehu l-impjieg kien ser ikollha tiffirma xi kuntratt u lanqas li jekk titlaq qabel iz-zmien kien ser ikollha thallas xi flus. Hi bdiet tahdem mas-socjeta` attrici xi Marzu u kien biss f’Jannar tas-sena ta’ wara li qalulha biex tiffirma l-kuntratt. Dan ghamluh zewg diretturi John Formosa u George Papagioropulo li qalulha biex tiffirmah u qatt ma kienu wrewulha. Huma lanqas kienu nfurmawha li kien hemm xi kondizzjoni illi jekk titlaq qabel iz-zmien kellha thallas lura xi ammonti ta’ flus u hi ma rat ebda tali kundizzjoni fil-kuntratt meta qratu. Ziedet li kieku rat xi kundizzjoni hekk fil-kuntratt zgur li ma kienitx tiffirmah.

Hi qalet li kien hemm impjegat Mario Demicoli, hu d-direttur tal-kumpanija Charles Demicoli, li avvicina diversi mpjegati fosthom lill-konvenuta. Huwa kellu f’mohhu li jiftah kumpanija ohra li taghmel xoghol simili ghax-xoghol tas-socjeta` attrici, offrielha li jkollha sehem fil-kumpanija u li tkun impjegata maghha. Hi accettat minhabba li ma kellhiex idea li setghet tinkorri xi penali jekk twaqqaf l-

impjieg. Inoltre` qalet li s-socjeta` attrici kienet sejra hazin u l-impjieg offrut kien joffrilha sigurta`. Ftit wara tali proposta hi telqet mix-xoghol.

Wara li telqet baqa' jcemplilha Roy Russell biex terga' tmur tahdem mal-People Enterprises pero` hi rrifjutat. Wara ftit zmien irceviet ittra minghand Dr Georg Sapiano f'isem il-People Enterprises tinterpellaha biex thallas xi penali talli waqqfet il-kuntratt ta' impjieg qabel iz-zmien. Hi meta semghet bil-penali regghet irritornat mas-socjeta` attrici. Sussegwentement Mario Demicoli rega' avvicinaha u huwa weghda li kien se jhallas hu u kien ghalhekk li telqet peress li hi personalment ma kellhiex minn fejn thallas.

Dan Mario Demicoli ma riedx juri li kien ser jhallas hu l-penali u ghalhekk qalilha li kien se jiddepozita l-ammont tal-penali fl-account taghha u b'hekk kienet tkun tista' tohrog ic-cekk. Hu kien qalilha li kien se jiddepozita dakinnhar stess li kellha tohrog ic-cekk. Fil-fatt ma kienitx iccekjat mal-Bank jekk sarx id-depozitu ghax hi kienet tafdah u kien ghalhekk li harget ic-cekk.

Hi spjegat x'gara wara li Louise Tonna nfurmat l-ewwel darba li c-cekk ma ssarrafx u hi talbet spjegazzjoni ta' dan lil Mario Demicoli li assiguraha min-naha tieghu. Inoltre` spjegat ukoll li meta gew biex jiffurmaw il-kumapnija gdida Style Enterprises Limited Mario Demicoli ghal diversi ragunijiet spejgati fl-affidavit ikkonvinciha biex tidher hi bhala direttur tal-Kumpanija pero` fl-istess hin ried ikollu

kontroll fuq dak li jkun qed jigri b'hekk ghamlilha kundizzjoni fil-*Memorandum of Association* li jkun firmatarju fic-cekkijiet tal-kumpanija u fl-istess hin gie wkoll appuntat bhala segretarju ta' l-istess kumpanija. *Di piu`* Louise Tonna kienet ukoll iget impjegata mal-kumpanija l-gdida.

Illi ghalhekk minn tali xhieda u dokumenti prodotti rrizultaw bla ebda dubju tali fatti: il-konvenuta ffirmat kuntratt ta' mpjieg mas-socjeta` attrici fil-15 ta' Jannar 1998 li kien ghal perjodu definit ta' tlett snin. Ma kien hemm l-ebda klawsola fil-kuntratt rigwardanti x'jigri jekk kienet titlaq qabel l-eghluq ta' tali zmien. Mix-xhieda tal-konvenuta Nadine Spiteri nnifisha ammettiet li hi telqet minn mas-socjeta` attrici qabel iz-zmien stipulat. Kwalunkwe raguni moghtija minnha mhix sufficjenti sabiex tezentaha. Infatti, l-fatt li hija ma kienitx taf bil-penali mhix skuza, u wisq anqas il-fatt li Mario Demicoli kkonvinciha biex titlaq, weghda li jhallas il-penali hu u dan m'ghamlux. Ghas-socjeta` attrici tali ftehim huwa *res inter alios acta*, u *se mai* l-konvenuta tiehu l-passi necessarji hija personali vis a vis Mario Demicoli.

Illi anki jekk fil-kuntratt miftiehem bejn il-kontendenti fil-kawza odjerna m'hemmx klawsola x'jigri meta l-impjegat jitlaq qabel iz-zmien, allura ghandha tapplika l-ligi, cioe` c-*Conditions of Employment and Regulations Act*, **Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn fl-**Artikolu 34 (12)**:

"*Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' servizz ghandu jhallas lill-*

*principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem".*

Illi l-konvenuta kellha salarju ta' tlett elef lira (Lm3,000) fis-sena. Il-kumpanija l-gdida bdiet fis-7 t'Ottubru 1998, kwindi din il-Qorti tikkonsidra li l-konvenuta hadmet sa Settembru 1998. Ghalhekk kien fadlilha fl-impjieg madwar sentejn u tlett xhur. Is-socjeta` attrici qed tirriklama l-ammont ta' tlett elef, mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,195.50) u dan meta gie kkalkolat nofs il-paga li kieku kienet se tithallas kieku baqghet fl-impjieg u gie mnaqqas ammont li l-konvenuta kellha tieghu mill-istess socjeta` attrici. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha peress li l-provi migjuba mis-socjeta` attrici kienu soddisfacenti.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(2) Tiddikjara illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tliet elef, mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,195.50) rapprezentanti dik is-somma illi l-partijiet ftiehmu li l-konvenuta kellha thallas lis-socjeta' attrici peress illi

hija kienet halliet l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici qabel iz-zmien stipulat fil-kuntratt ta' impjieg definit illi kien jirregola r-relazzjonijiet kuntrattwali u ta' xoghol bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta;

(3) Tikkundanna lill-konvenuta biex thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' tliet elef, mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,195.50).

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 t'April 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**26 t'April 2001.**